# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru 11 tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar id-19 ta' Settembru 2013, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATA | Charlene Zammit | Deputat Sindku |

Il-ħin tas-seduta skedat għas-6:00pm ma nżammx għaliex infetħu l-kaxxi tal-kwotazzjonijiet tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-KLM kif ukoll dik tan-nominazzjonijiet ta' Ġieħ l-Imqabba. Għal tal-ewwel instabu żewġ *bids*, dik ta' *AID Ltd* li tammonta għal €3,003 b'manutenzjoni ta' €978 fuq erba' snin li tammonta għal spiża kollox inkluz ta' €3,981 kif ukoll dik ta' *Correct Termination Ltd* li tammonta għal €2,200euros + *VAT*, b'manutenzjoni ta' €400 + *VAT* li tammonta għal €4,484 fuq erba' snin.

Fil-kaxxa tan-nominazzjonijiet instabu tlieta:
(i) Anna u Charles Azzopardi
(ii) Antoine Sciberras
(iii) Mary Mallia

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa fis-6:30pm u qal it-talba filwaqt li l-minuti tas-seduta preċedenti li kienu mgħoddija lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* aktar kmieni, ġew meħuda bħala moqrija, sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri u ġew approvati u ffirmati.

2. Dwar il-Gal Xlokk is-sindku qal li għandna niktbulhom għaliex fl-aħbarijiet tal-bieraħ tlula kien indikat illi hemm €7 miljuni biex ikunu investiti fl-iżvilupp rurali, ħalli jkollna l-possibilità illi nittappjaw fondi mill-Unjoni Ewropeja.

3. Dwar il-*book box* din issa qed taħdem perfettament minn quddiem il-kunsill taħt is-*cctv cameras* tal-uffiċċju.

4. Minkejja li l-avviż tal-ħruġ tal-offertu tas-*cctv cameras* fi Ġnien Tfal ir-Raħal kif ukoll fil-Pjazza tal-Knisja, mal-avviż l-ieħor tar-restawr tal-istatwi tal-Mentna ħarġu ma' dak tal-*Live Streaming*, dawn il-*bidders* ingħataw aktar żmien sakemm jissottomettu l-offerta (mhux kwotazzjoni) tagħhom li trid tkun akkumpanjata b'*Bid Bond*.

5. Għal xi raġuni li ma nafux, it-talba li kienet saret lill-KLM sabiex isiru lampi ġodda fi Triq il-Murselli kif ukoll fi Triq il-Qrendi, waslet sal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Minn informazzjoni li għandna, dan ċaqlaq lill-Korporazzjoni Enemalta biex isir il-*vetting* tat-talbiet tagħna.

6. Għal mistoqsija li saret dwar jekk hemmx bżonn li t-*traffic island* li saret ftit tal-ġimgħat ilu permezz taż-żebgħa (*road marking*) għandhiex issir *humped* jew le, il-KLM se jistudja dan l-impatt.

7. Intant ittieħdu inizjattivi biex fi Triq Ħal Farruġ, propju fejn min għandu l-għelieqi, hu mwerwer li għad iseħħ xi inċident, minħabba veloċità eċċessiva, kienu l-istess sidien tal-għelieqi li għenu biex isiru is-*slow signs* fit-3:00am meta l-inħawi jkunu l-aktar kwieti.

8. Nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2013, ġej fl-uffiċċju l-uffiċjal ta' *Booking and Co* li issa għandhom is-sit elettroniku www.mqabba.gov.mt biex iwettaq il-manutenzjoni li hemm bżonn li jsir fis-sit.

9. S'issa m'għandna l-ebda *feedback* minn naħa tal-*MEPA* kif ukoll mid-Dipartiment tas-Saħħa dwar ir-rapport li għamel il-KLM bi trab eċċessiv li qed joħroġ minn siti ta' kostruzzjoni f'dawn l-inħawi.

10. Is-sindku semma l-laqgħa li kellhom hu u s-SE mal-kuntrattur *Schembri Barbros* fejn dwar iż-*zebra crossing* li hemm fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti faċċata tal-ħanut tal-laħam kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija hemm insigurtà minħabba li din ma fihiex dwal *(belisha beacon light)* u lanqas ma fiha *early warning signs.* Is-SE qal li f'dawn l-inħawi lanqas *route signs* m'hemm biex kull min mhux minn dawn l-inħawi, jkun jaf fejn irid imur lejn il-Qrendi, Ħal Kirkop jew is-Siġġiewi. Dawn it-talbiet se jsiru lil *Transport Malta.*

11. It-trasport lejn Għar Lapsi issa spiċċa u se nerġgħu inċemplu lil dawk li kienu jużawh biex ninfurmawhom.

12. Grace Marie Mallia qalet li l-*poster* tal-ħarġa t'Għawdex jidher li kellu xi dati ħżiena u kien hemm konfużjoni. Madankollu l-istess konfużjoni kienet inkomparabbli għal dak li ġralna dak in-nhar tal-ħarġa, meta nofs in-nies marru lejn il-gżira fuq vapur u nofshom qabdu ieħor. Madankollu l-mawra kienet perfetta u Grace Marie Mallia qalet illi kellha proposta biex il-KLM jorganizza *coffee morning* bit-tombla, filwaqt li s-sindku qal li dawn il-ħarġiet irid ikollhom skop edukattiv biex per eżempju li jippromwovu l-itinerarji fost ir-reġjun tagħna u wkoll għal skop ta' turiżmu.

13. Il-KLM qed jibqa' jinsisti illi jingħata appuntament għal-laqgħa uffiċjali mal-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi u ma jibqax jistenna sena sħiħa biex ikun jaf jekk verament it-tfal tar-raħal tagħna humiex se jinqatgħu mill-Kulleġġ San Benedittu jew le. Is-sindku qal li l-KLM hemm bżonn li jagħmel laqgħa mal-ġenituri li għandhom it-tfal ħerġin mill-iskola primarja biex iserrħilhom rashom li dan mhux se jseħħ.

AĠENDA

14. Bi preparazzjoni għall-attività kulturali, is-sindku ippropona li ssir konferenza stampa nhar il-25 ta' Settembru, 2013, li fiha jkun preżenti wkoll is-Segretarju Parlamentari tal-Kultura u l-Gvern Lokali, l-Onor Josè Herrera. F'dan il-punt intqal illi fl-assenza tas-Segretarju Parlamentari jista' jattendi l-Onor Karmenu Vella, l-Ministru tat-Turiżmu, filwaqt li Paul Spiteri qal li tajjeb ukoll li għaliha nistiednu lix-*Shadow Minister*, l-Onor Francis Zammit Dimech.

15. Dwar l-aġġudikar tal-offerta pubblika tal-manutenzjoni tat-toroq, filwaqt li l-Perit William Lewis irrakkomanda lill-*Elle's*, is-sindku qal li hu jidhirlu illi hemm xi rati li l-*SKS* tefagħhom orħos minn tal-*Elle's*. Għaldaqstant kien qed ikun suġġerit illi tinqasam l-offerta pubblika fi tnejn: manutenzjoni ta' toroq u dik tal-bankini. Is-SE filwaqt li ma kienx tal-parir li l-KLM imur kontra ir-rakkomandazzjoni tal-perit, se jara jekk dan hux permess flok tinħareġ l-offerta mill-ġdid.

16. Minħabba skop ta' reklamar tal-attività kulturali, wara li saru tentattivi biex isir reklam fit-*Tune In Magazine* kif ukoll fid-*Day by Day* fejn il-KLM kien mitlub somom eżorbitanti ta' flus, Paul Spiteri kien tal-parir illi nagħmlu kuntatt mal-gazzetti lokali *Maltatoday* u ma' l-*Illum*.

17. Kien approvat ir-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart kif kien preżentat wara l-amendi li sarulu u wara diskussjoni fuqu.

18. Filwaqt li r-residenti ta' Triq il-Qattara jidhru li huma kuntenti bil-bankina li saret biex tittaffa l-problema tal-ilma tax-xita, intalbet stima biex issir biċċa bankina fi Triq Valletta propju quddiem il-kamra tal-kenniesa. Intant kien propost biex fi Sqaq Numru 4, kantuniera ma' Triq il-Parroċċa ssir *hump* biex l-ilma ma jidħolx fl-isqaq. Dan propju fil-jiem li fihom is-sindku u s-SE ħadu 'l kuntrattur, *Asfaltar Ltd*, fi Triq il-Murselli, fejn kien deċiż li tiġi mgħollija *hump* simili, biex l-ilma jibqa' nieżel lejn il-ġibjun u ma jidħolx f'din it-triq kif ukoll fi Sqaq Numru 1 fi Triq il-Parroċċa fejn kien propost li jsir gandott għall-ilma tax-xita biex l-ilma jaqleb lejn Triq is-Siġġiewi, għax m'hemm pendil xejn. Grace Marie Mallia talbet lill-KLM jikkunsidra l-manutenzjoni li hemm bżonn issir biex Triq il-Mitħna minkejja li nqalgħet wara li kienet ingħatat it-tarmak ftit tas-snin ilu, biex ma jżommx ilma fiha wara x-xita.

19. Wara li l-kunsillieri għamlu l-għażla tagħhom tal-kwotazzjoni għal *play centre* biex jinstalla ruħu f'Misraħ il-Fidwa, is-sindku qal li dan irid ikun aktar attraenti b'kuluri vivaċi wara diskussjoni li kellu mal-kumpanija *JGC Ltd*. Fl-istess laqgħa hu għażel ukoll xi logħob tat-tfal żgħar tal-molol forma ta' żiemel /ħmar, siġġu ta' bandla ta' tfal bi bżonnijiet speċjali li se jkunu f'idejna sa Diċembru, filwaqt li qal li l-ħames logħob tal-molol antiki li kienu tqaċċtu minn dan il-ġnien fil-passat se nippruvaw inwaħħluhom b'mod fiss wara li se nagħmlulhom *spray painting*. Intant il-*BOQ* li ppreżenta l-Perit William Lewis ġiet tammonta għal €68,372.26, maħduma fuq *cement tiles* b'esklużjoni tal-fanali li s-sindku qal li dawn iridu jinqalgħu u jiġu mixgħula bl-*LEDs*. Biex ikun hemm il-permessi tal-*MEPA*, jinħtieġ li wkoll napplikaw għal *DNO*.

20. Is-SE kien mitlub jiċċirkula fost il-kunsillieri r-regolamenti ta' Ġieħ l-Imqabba, fejn ma dawk nominati illejla, fl-istess serata ta' Jum l-Imqabba, se jingħata l-unur tal-mertu lill-eks Kunsillier Charles Farrugia u lill-eks Sindku Noel Galea. Is-SE kien mitlub ukoll jibgħat lill-kunsillieri l-*istatement* ta' *Asfaltar Ltd* biex il-KLM ikun jaf kemm għad fadal bilanċ x'jitħallas.

21. Bi preparazzjoni għall-attività kulturali, il-KLM se jakkwista l-apparat tal-kukkanja mid-Dipartiment tal-Kultura li wkoll se jisilfu l-*exhibition boards* li preżentement qiegħdin fil-Kunsill ta' Birkirkara. Hawn Grace Marie Mallia tat in-numru tat-telefon tal-kantant Gianluca Bezzina lis-SE sabiex naraw nistgħux ukoll ninqdew bis-servizzi tiegħu, kif ukoll dak tal-kantanta Federika Falzon, ta' Mariah Spiteri, kif ukoll ta' Charmaine Balzan li se tesebixxi artiġjanat magħmul mis-sengħa tal-Ħansa.

22. Intant, dwar sigurtà mal-kappelli waqt l-attività kulturali, intqal li hemm bżonn li jkun hemm gwardjan fil-Knisja Parrokkjali, fil-Kappella ta' San Bażilju, f'dik tad-Duluri u ta' Santa Katerina. Is-SE ipprovda l-minuti tal-laqgħa li saret għall-każini tal-banda, kif ukoll tal-laqgħa li saret ma' dawk kollha li se jagħtu sehemhom fl-Isptar il-Qadim. Matulhom kien deċiż illi l-ammont finali li se jikkontribwixxi l-KLM hu ta' €500 f'banda u €300 f'bandalori lill-kull soċjetà mużikali. Dwar il-parteċipazzjoni tal-esebituri tal-*Ford Classic Cars*, is-sindku issuġġerixxa li jingħatalhom ċertifikat. Biex ikun riżervat post għal dawn il-vetturi, diġà kienet ippreparata ittra biex ir-residenti ta' Triq Karmenu Ciantar iħallu t-triq mingħajr karozzi ipparkjati fiha matul is-6 ta' Ottubru 2013. Fin-nuqqas illi t-tren mingħajr binarji tkun tista' toffri is-servizzi tagħha dak in-nhar, kien hemm suġġeriment illi tinġieb *vintage bus* u tingħabar miżata minn għand kull min jitla' fuqha. Il-*fun run* u d-*display* mill-każin tal-futbol se ssir quddiem il-Każin ta' Santa Marija. Angie Casha se tagħmel *compare* fuq l-*istage*, filwaqt li fejn il-kukkanja jinħtiġilna *p.a. system* u *compare* ieħor. Hawnhekk kien issuġġerit l-eks Kunsillier Edwin Gatt.

23. Ittra oħra li se tintbgħat, hija waħda ta' twissija għar-residenti ta' Misraħ Missjoni ż-Żgħira, minħabba skart li qed jitħalla barra mhux quddiem il-bibien tagħhom minn kmieni qabel ma jgħaddi l-kollettur. Se nfakkruhom biex iħalluh quddiem biebhom.

24. Wara li tlesta x-xogħol ta' puġġaman fiċ-ċimiterju, Grace Marie Mallia qalet li n-nies talbuha ħadida oħra aktar 'l isfel biex l-anzjani jkunu assistiti aħjar.

25. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheet* Numru 469.

26. Il-KLM se jiltaqa' nhar it-Tlieta, 1 ta' Ottubru, 2013 filwaqt li din il-laqgħa spiċċat fid-9:25pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum 01/10/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |